raġel u qallu: "Xi tgħid, nirranġaw? U Vestru, "Għaliex le, tini d-disinn u naqdik, tibżax"; "Iżda taħt patt", qallu l-kappillan. "Jaqaw, għall-prezz? Għal dak nirranġaw, ma tmurx batut sur kappillan". "Le, mhux fuq il-prezz, iżda......" U hawn, il-kappillan urieh il-kunfissinarju. Vestru fehem x'kien il-patt tal-kappillan. "Iżda, sur kappillan, tinsiex li ili ma nqerr ma nafx kemm". "Iva xi kemm?" "Insejt, Sinjur, naħseb li skorrejthom l-erbgħin sena". "Tibżax, Vest, ejja...... u fejn ma tiftakarx, infakkrek. Ċensa, Tonina, Lippin, isa, ħalluna waħedna u int Lippin int u ħiereġ, agħlaq warajk."

U hawn il-kappillan poġġa fil-kunfissinarju. Qabel ma libes l-istola bies is-salib li jiġi fuq il-għonq, radd is-salib u ġagħal lil Vestru jagħmel bħalu. Vestru beda jqerr u kultant iħares lejn il-Madonna bil-Bambin u kif dejjem kien jidhirlu, kienu jħarsu lejh ukoll u bl-akbar ħlewwa. Il-kappillan beda jfakkru u Vestru bl-indiema kollha għamel qrara tajba...... Dam iqerr... u billi kien daqq nofs in-nhar... "Vestru, issa ejja għal bukkun miegħi", qallu l-kappillan, "u kif inkunu fuq il-mejda nitħadtu xi ħaġa dwar il-bradella".

Wara li l-kappillan kebbes il-pipa ta' fuq l-ikel, "Vest, issa xi tgħidli għall-prezz". "Xejn, sur kappillan, ma rrid xejn ta' idejja, bona grazzja tiegħek il-flus li jistħoqquli tihom lill-Istitut tal-Fokra"—"Tat-Tfal Iltiema?" Qallu l-Kappillan, "Bona grazzja tiegħek, għax jien sibt ruħi ltim ta' għaxar snin u trabbejt magħhom sa ma bdejt naħdem għal rasi."

Vestru minn dak il-jum li qerr, it-tqarbina ta' kull nhar ta' Ħadd ma kienx jonqosha. Kien imur jisma' kuljum il-quddiesa tal-kappillan. Wara kollox Vestru ma kienx raġel ħażin... Qatt ma kien igħid fuq in-nies.

---



# MATERNITA'

*Ta'* Ġużè' Chetcuti

— Għid, tabib, għad baqa'?
Għid, dan x'uġigħ hu? —
Bid-dmugħ f'għajnejha ħarset
Fuq kwadru ta' Ġesù.

Għal waqt stħajlet qed tara
Anġli b'ward imdawrin,
F'nofshom jaqbeż ferrieħi
Tfajjel qisu l-Bambin.

Ir-riħ, barra, qed jokrob
Bħal ruħ li xebgħet tbati,
Taqliba sħiħa fl-arja,
Tregħid u xita tagħti.

Fil-leħħ tal-beraq jidhru
Is-siġar tqal bil-ward
Jiltwew u jnizzlu rashom
Donnhom se' jmissu l-art.

Leħen maħnuq jitniehed,
— Għad baqa', għid, tabib? —
Tagħwiġ, twerżiq u biki,
Għajat, krib u taqlib.

'Mma f'daqqa taqa' s-sikta
U jieqaf it-tnehid......
Fuq sodda mqallba twerżaq
Tarbija tat-twelid.

20. 11. 49.